



Brussell, 30 ta' Mejju 2022
(OR. en)

9028/22
ADD 1 REV 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0390(NLE)**

**JUSTCIV 66
AGRI 185
IND 166
ENER 167**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	14831/21 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fuq it-Tagħmir Mobbli li jirrigwarda Materji Speċifiċi għat-Tagħmir tal-Minjieri, l-Agrikoltura u l-Kostruzzjoni (il-Protokoll MAC) - Adozzjoni - Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni li saret matul il-laqgħa tal-Coreper fil-25 ta' Mejju 2022

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

"Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fuq it-Tagħmir Mobbli li jirrigwarda Materji Speċifiċi għat-Tagħmir tal-Minjieri, l-Agrikoltura u l-Kostruzzjoni (il-Protokoll MAC, Mining, Agricultural and Construction) għandha tindika lill-Kummissjoni bħala responsabbli biex taħtar il-persuna/i bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw f'isem l-Unjoni. Il-bidla fl-Artikolu 2 li tindika li l-President tal-Kunsill huwa responsabbli għal tali deżinjazzjoni għalhekk mhijiex f'konformità mat-Trattati.

Id-deżinjazzjoni tal-persuna/tal-persuni bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw, f'isem l-Unjoni, ftehim internazzjonali hija att ta' rappreżentanza esterna tal-Unjoni, li, f'konformità mal-Artikolu 17(1) TUE, huwa l-prerogattiva istituzzjonali tal-Kummissjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li prattika konsistenti mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma humiex f'konformità mat-Trattati tal-UE 'ma tistax temenda r-regoli tat-Trattati li l-istituzzjonijiet huma obbligati josservaw' (il-Kawża C-687/15 Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, EU:C:2017:803, il-paragrafu 42).

Filwaqt li ma topponix l-adozzjoni tal-emenda tal-Kunsill b'vot ta' maġġoranza kwalifikata, il-Kummissjoni tirriżerva d-drittijiet kollha tagħha f'dan ir-rigward."
